

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-1 ta' Lulju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tad-Dioikitiko Efeteio Athinon, il-Greċja) — Motosykletistiki Omospondia Ellados NPID (MOTOE) vs Elliniko Dimosio

(Kawża C-49/07) ⁽¹⁾

(Artikoli 82 KE u 86 KE — Kunċett ta' impriża — Assoċjazzjoni li ma tagħmilx profitt li, fil-Greċja, tirrappreżenta lill-Federazzjoni internazzjonali tal-motoċiklizmu — Kunċett ta' 'attività ekonomika' — Dritt speċjali skond il-liġi li jingħata l-kunsens għall-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ppreżentati għall-organizzazzjoni ta' tlielaq bil-muturi — Eżerċizzju parallel ta' attivitajiet bħall-organizzazzjoni ta' tlielaq bil-muturi kif ukoll l-għoti ta' kuntratti ta' sponsorizzazzjoni, reklamar u assigurazzjoni)

(2008/C 209/13)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Dioikitiko Efeteio Athinon

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Motosykletistiki Omospondia Ellados NPID (MOTOE)

Konvenut: Elliniko Dimosio

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Dioikitiko Efeteio Athinon — Interpretazzjoni ta' l-Artikoli 82 u 86 KE — Kunċett ta' impriża — Assoċjazzjoni awtomobilistika li ma tagħmilx profitt (ELPA) li tirrappreżenta lill-Federazzjoni internazzjonali tal-motoċiklizmu fil-Greċja u li għandha d-dritt esklużiv li tawtorizza tlielaq fil-qasam ta' l-isport awtomobilistiku — Assoċjazzjoni li parallelament teżerċita attivitajiet ekonomiċi bħar-reklamar, l-assigurazzjoni, il-konklużjoni ta' kuntratti ta' sponsorizzazzjoni u l-finanzjament ta' premji

Dispożittiv

Persuna ġuridika li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu mhux biss f'li tieħu sehem fid-deċiżjonijiet amministrattivi li jawtorizzaw l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet bil-muturi, iżda wkoll f'li torganizza hija stess tali kompetizzjonijiet u f'li tikkonkludi f'dan il-kuntest kuntratti ta' sponsorizzazzjoni, ta' reklamar kif ukoll ta' assigurazzjoni taq' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 82 KE u 86 KE. Dawn l-artikoli jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lil persuna ġuridika, li torganizza kompetizzjonijiet bil-muturi u li tikkonkludi f'dan il-kuntest kuntratti ta' sponsorizzazzjoni, ta' reklamar kif ukoll ta' assigurazzjoni, il-poter li tagħti l-kunsens tagħha għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni

ppreżentati għall-organizzazzjoni ta' tali kompetizzjonijiet, mingħajr ma dan il-poter huwa suġġett għal limiti, obbligi jew sħarriġ.

⁽¹⁾ ĠU C 95, 28.4.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) ta' l-24 ta' Ġunju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation — Franza) — Commune de Mesquer vs Total France SA, Total International Ltd

(Kawża C-188/07) ⁽¹⁾

(Direttiva 75/442/KEE — Ġestjoni ta' l-iskart — Kunċett ta' skart — Prinċipju li min iniġġes iħallas — Detentur — Detenturi ta' qabel — Produttur tal-prodott li jiġġenera l-iskart — Idrokarburi u żejt karburant tqil (heavy fuel oil) — Nawfraġju — Konvenzjoni dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għal Danni mit-Tniġġis biż-Żejt — Fond Internazzjonali għal Kumpens għal Danni mit-Tniġġis biż-Żejt)

(2008/C 209/14)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Commune de Mesquer

Konvenuta: Total France SA, Total International Ltd

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Cour de cassation (Franza) — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart (ĠU L 194, p. 39), kif emendata bid-Direttiva 91/156/KEE, tat-18 ta' Marzu 1991 (ĠU L 78, p. 32), u tal-kategorija Q4 ta' l-Anness I kif ukoll ta' l-Artikolu 1(b) u (ċ) u ta' l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar l-iskart (ĠU L 114, p. 9) — Kunċett ta' skart — Inklużjoni ta' l-idrokarburi u taż-żejt karburant tqil (heavy fuel oil), waħdu jew imħallat bl-ilma u bir-ramel? — Responsabbiltà tal-produttur u/jew tad-detentur ta' l-iskart f'każ ta' trasport effettwat minn terza persuna